## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 28 ta’ Settembru, 2001**

**Appell Nru 151/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Doreen Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Doreen Portelli talli fis-26 ta’ Settembru 1997, ghall-habta tas-1.15 p.m. f’Tower Road, Msida, saqet vettura Nru. CAO-902 (**1**) b’manjiera traskurata, (**2**) perikoluza, (**3**) saqet l-istess vettura minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta’ jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni, u aktar talli (**4**) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolarmenti tajjret lil Simone Zammit u involontarjament ikkagunatilha offizi ta’ natura gravi per durata skond kif iccertifika Dr. Vella Baldacchino M.D. tal-Isptar San Luqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ Gunju, 2000, li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Doreen Portetlli mhux hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u ghalhekk illiberata;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-16 ta’ Gunju, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qed jappella minn din is-sentenza in forza tad-dritt ta’ appell moghti lilu bl-Artikolu 26 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg imputazzjonijiet, u qed jinvoka l-Artikolu 413(1A) tal-Kodici Kriminali ghal dak li jirrigwarda it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet.

Dana l-appell jirrigwarda incident li sehh kmieni wara nofs in-nhar tas-26 ta’ Settembru, 1997. L-appellata, li dak iz-zmien kellha 24 sena, kienet qed issuq il-vettura CAO-902 (registrata fuq zewgha) u kienet hierga minn Triq Zammenhoff ghal go Triq it-Torri, fl-Imsida. Jirrisulta li kif appena qabdet Triq it-Torri l-appellata telghet bil-vettura taghha fuq il-bankina tal-lemin tat-triq

minn fejn dak il-hin kienet ghaddejja bil-mixi Simone Zammit. L-appellata tajjret bil-karozza taghha li din Zammit li spiccat fuq il-*bonnet* tal-vettura; il-vettura baqghet miexja certu distanza sa ma Zammit waqghet minn fuq il-*bonnet* u l-appellata spiccat biex ghaddiet bil-vettura taghha minn fuq Zammit li kienet fl-art. Zammit garrbet offizi ta’ natura gravi. L-ewwel qorti lliberat lill-appellata, allura imputata, mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba’ imputazzjoni bazikament ghax irriteniet li dina kienet giet mahsuda minn *fork lifter* li kien qed ihott xi merkanzija minn *container* parkeggjat kif appena ddur il-kantuniera ta’ bejn Triq Zammenhoff u Triq it-Torri, liema *fork lifter* mexa b’lura ghal gharrieda u li, per konsegwenza ta’ din il-hasda, hija tilfet il-kontroll tal-vettura taghha bil-konsegwenzi aktar ‘l fuq imsemmija. L-appellant Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. Hu jikkontendi, bazikament, li l-incident gara minhabba li l-appellata Portelli ma kienitx qed izzomm “a proper lookout”, u li fil-fatt ma kienx hemm prova li fil-hin ta’ l-incident kien qed jithaddem xi *fork lifter*.

Din il-Qorti tistqarr li dana l-kaz ma hux wiehed facli. Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tfisser f’diversi sentenzi taghha, hija ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-qorti ta’ prim istanza; tali apprezzament jigi disturbat biss jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li l-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, u tara li bazikament hemm zewg kwistjonijiet ta’ fatt x’jigu determinati: l-ewwel kwistjoni hi jekk verament kienx qed jigi operat *fork lifter* b'tali mod li dana seta' hasad lill-appellata; u, it-tieni kwistjoni, hi jekk, anke jekk verament kienet qed tigi operata tali vettura, kienx hemm nuqqas da parti ta’ Portelli li wassal ghall-incident *de quo*.

Fid-deposizzjoni taghha li tat quddiem l-ewwel qorti[1], l-appellata tghid hekk: “Jien hrigt u kif kont hierga Zammenhoff Street harigli *fork lifter* li kienet qed jopra mil-genb tal-*container*, il-*fork lifter* hareg bir-*reverse* u hareg bis-sahha u mhux bil-mod. Jien ersaqt lejn il-lemin bil-konsegwenza li lqat lil Simone” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Mela l-appellata tghid li l-*fork lifter* kien qed jopera mill-genb tal-*container* u li per konsegwenza l-istess *fork lifter* hareg (mill-genb tal-*container*) b’mod li ostakolalha l-karreggjata. Pero` mill-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-*container* li kien qed jigi mbattal ma kellux bieba fil-genb, izda bieba wahda wara, u li ghalhekk il-*fork lifter* ma setax kien qed jigi operat mil-genb tal-*container*. Skond ix-xhud Carmel Caruana, ghalkemm dana jghid li fil-hin ta’ l-incident il-*fork lifter* kien qed jithaddem, jghid ukoll li dan ma kienx fin-nofs tat-triq li minnha kienet niezla l-appellata – kif necessarjament kellu jkun li kieku kien qed jopera mill-genb tal-*container* – ghalkemm ma jafx jghid fejn ezatt kien il-*fork lifter*. Xhud iehor, Alfred Azzopardi, jikkonferma li l-*fork lifter* kien f’xi hin qed jghabbi minn wara tal-*container*, ghalkemm ma jistax jghid ezattament fejn kien (jew jekk kienx

[1] Id-deposizzjoni ta’ l-appellata (allura imputata) biss giet registrata quddiem l-ewwel qorti (ara ol. 23 u 24 tal-atti); id-deposizzjonijiet tax-xhieda l-ohra ma gewx hekk registrati u konsegwentement din il-Qorti (tal-Appell Kriminali) kellha tisma’ lil dawn ix-xhieda kollha mill-gdid.

wieqaf jew qed jithaddem) il-*fork lifter* fil-mument ezatt tal-incident. Frank Bezzina jghid li hu cert li fil-mument ta' l-incident il-*fork lifter* ma kienx qed jigi operat u li dan kien wieqaf fuq wara tal-*container*, u dan mhux ghax qallu haddiehor izda ghax rah b'ghajnejh. Ix-xhud Terry Atkin jghid hekk: "From the moment when she [Zammit] waved to me [and] [to the moment] when I heard the noise of the accident, it was a question of seconds, not of minutes. At that point in time there were no fork lifters being operated because in fact we were going to close". Dan ix-xhud izid jghid, pero`, li hu jassumi li kien hemm zewg *fork lifters* qed jigu operati dik il-gurnata, u dan minhabba li normalment hekk kien isir.

Minn dawn ix-xhieda din il-Qorti tista' tikkonkludi biss li l-*fork lifter* ma kienx qed jopera mill-genb tal-*container*, kif qalet l-appellata fid-deposizzjoni taghha, izda li dan kien <u>f'xi hin</u> qed jopera minn <u>wara</u> l-*container.* Fejn kien ezatt il-*fork lifter* fil-hin tal-incident u, aktar importanti, jekk dana kienx qed jinsaq, ma jistax jigi stabbilit b'certezza. Ghandu jigi osservat f'dan il-kuntest li s-sewwieq tal-imsemmi *fork lifter*, ghalkemm gie identifikat minn aktar min xhud wiehed, qatt ma gie prodott biex jixhed mill-prosekuzzjoni; u minkejja li din il-Qorti tat l-opportunita` lill-prosekuzzjoni sabiex taghmel talba ghall-produzzjoni tieghu anke fi stadju ta' appell (ara l-verbali tas-17 ta' April, 2001 u tas-26 ta' April, 2001), tali talba baqghet ma saritx mill-Avukat Generali.

Issa, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, wiehed kellu jghid li kien hemm *fork lifter* li f'xi hin mexa b'lura b'mod li hasad lill-appellata (u li, per konsegwenza din gibdet fuq il-lemin tat-triq u tajjret lil Zammit), wiehed irid jara jekk l-appellata, fl-mument ezatt qabel ma giet rinfaccjata bil-*fork lifter*, kienitx qed issuq b'mod negligenti b'tali mod li n-negligenza taghha kienet kawza efficjenti tas-sinistru. Jekk l-appellata kienet negligenti fis-sewqan u jekk din in-negligenza taghha kienet kawza efficjenti tas-sinistru, hi xorta ghandha tirrispondi kriminalment; il-fatt li kien hemm, jew seta kien hemm, haddiehor li ukoll kien negligenti ma jgibx fix-xejn ir-responsabbilta` ta' l-appellata, basta, kif inghad, li n-negligenza taghha kienet kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tas-sinistru (ara ***Il-Pulizija v. Alexander Azzopardi*** App. Krim. 26/2/2001).

Din il-Qorti hasbet fit-tul u waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet: (1) il-konfigurazzjoni tat-toroq in kwistjoni – Triq Zammenhoff fejn din tizbokka go Triq it-Torri – hi tali li minn ikun gej minn Triq Zammenhoff u bi hsiebu jkompli jinzel Triq it-Torri, kif evidentement riedet taghmel l-appellata, irid bilfors kwazi jieqaf ossia jsuq <u>bil-mod hafna</u>, fil-kantuniera biex jassigura ruhhu li ma humiex gejjin karozzi mill-parti ta' fuq ta' Triq it-Torri; (2) mill-kantuniera in kwistjoni wiehed ghandu vizwali tajba kemm tan-naha ta' fuq ta' Triq it-Torri, kif ukoll tan-naha ta' isfel; (3) jekk, kif tghid l-appellata fid-deposizzjoni taghha, il-*container* kien aktar 'l fuq fi Triq it-Torri (jigifieri aktar lejn il-kantuniera) milli kif jidher fl-iskizz tal-pulizija ezibit a fol. 2 tal-atti, ifisser li dana l-*container* kien aktar vizibbli ghaliha minn din il-kantuniera; (4) jekk kien hemm *fork lifter* <u>fuq wara</u> tal-*container* jew altrimenti <u>fuq in-naha tal-lemin</u> tal-*container*, dan kien necassarjament vizibbli ghal minn ikun fil-posizzjoni tal-appellata, jigifieri fil-kantuniera u hiereg <u>bil-mod</u> (l-appellata stess tghid li hi

kienet qed issuq bil-mod hafna: "…bilkemm kont miexja"); (5) il-presenza ta' *fork lifter* hdejn *container* ghandu jwassal lis-sewwieq prudenti sabiex jipprevedi l-possibilita` li tali *fork lifter* jaghmel xi manuvra li normalment taghmel tali vettura, u cioe` li timxi 'l quddiem jew lura, jew iddur; (6) id-djuq ta' Triq it-Torri jfisser ukoll li s-sewwieq prudenti f'dawn ic-cirkostanzi ghandu joqghod hafna aktar attent hu u jghaddi minn hdejn il-vettura appena msemmija; (7) il-fatt li l-appellata ghamlet dak li ghamlet – cioe` telghet fuq il-bankina tal-lemin, tajjret lil Zammit u baqghet sejra biha certu distanza sa ma din waqghet minn fuq il-*bonnet* u l-appellata ghaddiet minn fuqha bil-karozza li kienet qed issuq – ma jfissirx <u>necessarjament</u> li l-appellata hadet il-kantuniera bl-addocc, jew li ma zammitx "a proper lookout", jew li ma kellhiex kontroll shih fuq il-vettura li kienet qed issuq – kif qed jallega l-appellant Avukat Generali fir-rikors ta' appell; hija sitwazzjoni plawsibbli – anke fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz – li sewwieq li jkun ghaddej b'mod ghal kollox prudenti jinhasad b'moviment inaspettat u insolitu li taghmel vettura ohra b'mod li, minghajr ma wiehed jista' jaddebitalu tort, jiltef il-kontroll tal-vettura tieghu. Biex Qorti ta' Gustizzja Kriminali ssib htija f'persuna dik il-qorti trid tkun sodsifatta lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mill-htija ta' dik il-persuna; fi kliem iehor il-gudikant irid jghid mhux li hu "probabbli" li dak li jkun kellu tort, izda li hu "cert" li kellu tort. Meta tali qorti, imbghad, tkun qorti ta' appell – li allura tkun giet imsejjha biex thassar sentenza ta' liberazzjoni – hija trid tkun sodisfatta wkoll li l-ewwel qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Kollox ma kollox din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, ix-xhud Sam Gauci, fid-deposizzjoni tieghu tas-7 ta' Dicembru, 2000, qal li l-vettura in kwistjoni setghet tinsaq – <u>f'Settembru tal-1997</u> – minn persuna li jkollha <u>'l fuq minn hamsa w ghoxrin sena</u> (apparti, naturalment, mill-persuna li lilu kienet tghajjat il-polza ta' sigurta`, cioe` Mario Portelli). Huwa veru li mid-dokument ezibit mill-appellata stess quddiem l-ewwel qorti (ara fol. 18), jidher li bhala "authorised driver" kien gie indikat il-paragrafu "04" fit-tieni taqsima ta' l-iskeda tal-polza, liema paragrafu jghid "The Insured and any person aged **21** years or over driving on the Insured's order or with his permission", pero` dana d-dokument, li huwa kopja ta' "renewal" ta' polza ta' assigurazzjoni, kien jiskadi f'Marzu tal-1992, u ghalhekk wiehed ma jistax joqghod fuqu biex wiehed jara x'kienet il-posizzjoni <u>wara</u> l-1992, u precisament f'Settembru ta' l-1997. L-ahjar prova f'dan ir-rigward hija certament id-deposizzjoni ta' Sam Gauci, li, mill-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata, jidher li xehed bazikament bl-istess mod anke quddiem l-ewwel qorti. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tifhem kif l-ewwel qorti ma sabitx lill-appellata hatja skond din it-tielet imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell ta' l-Avukat Generali bil-mod kif gej: (a) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata limitatament f'dik il-parti fejn Doreen Portelli gie illiberata mit-tielet imputazzjoni, u minflok tiddikjaraha hatija skond din l-imputazzjoni u, wara li rat l-Artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kap. 104, tikkundanna lill-istess Doreen Portelli multa ta'

mitejn u sittin lira (Lm260), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli fi tnejn u hamsin gurnata prigunerija, kif ukoll tiskwalifikaha milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ tnax-il xahar mill-lum; u (b) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Aldo Testone
Deputat Registratur